MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 636/2006

***Globalair Travel Limited* [C5893]**
***Versus***
**Avukat Richard Sladden u Prokuratriċi Legali Doreen Aquilina maħtura b'dikriet tat-8 t'Awissu 2006 sabiex jidhru f'isem is-soċjetà estera *Alizes Travel Limited***

Il-qorti rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi fejn din ippremettiet:
Illi s-soċjetà attriċi forniet lis-soċjetà konvenuta servizzi varji, li kienu jinkludu akkommodazzjoni ġewwa lukanda f'Malta, *transfers* u *excursions*, fuq ordni tas-soċjetà konvenuta stess skond fatturi għal perjodu bejn Ottubru 2004 u Novembru 2005;
Illi s-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħallsitx għal dawn is-servizzi kolha, minkejja diversi talbiet għall-ħlas;
Illi s-soċjetà konvenuta kienet bagħtet ċekkijiet lis-soċjetà attriċi iżda dawn ma ssarfux;
Illi dawn is-servizzi, inklużi spejjeż li soffriet is-soċjetà attriċi fir-rigward taċ-ċekkijiet li ma ssarfux, jammontaw

għal valur ta’ erba’ u għoxrin elf, ħames mija tlieta u tletin liri Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm24,533.32);
Illi s-somma pretiża hija ċerta, likwida u għalqet;
Illi s-soċjetà konvenuta ma ressqitx it-talbiet tagħha qabel ma l-ammont pretiż tħalla jikber daqstant peress illi s-soċjetà konvenuta hija l-*general sales agent* ta’ *AirMalta plc* ġewwa l-Marokk;
Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:
1. Tapplika l-provvediment tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u tilqa’ t-talba tas-socjetà attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża;
2. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma pretiża ta’ erba’ u għoxrin elf, ħames mija tlieta u tletin liri Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm24,533.32) inklużi l-interessi skond il-liġi.
Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-mandat kawtelatorju numru 1053/06, u l-atti kollha relattivi għal din il-kawża.
Rat in-nota tal-kuratur Avukat Richard Sladden *a fol*. 65;
Rat ir-risposta maħlufa tal-kuraturi deputati Avukat Richard Sladden u Prokuratriċi Legali Doreen Aquilina, maħtura b’dikriet tat-8 ta’ Awwissu, 2006 fejn l-avukat Richard Sladden bil-ġurament ikkonferma:
1. Illi l-eċċipjenti ma jafux il-fatti tal-każ u jirriżervaw li jwieġbu aktar ’il quddiem meta jikkomunikaw mas-soċjetà estera *Alizes Travel Limited*;
2. Illi fl-aħħar seduta l-avukat tas-soċjetà attriċi informa lil dina l-qorti illi s-soċjetà konvenuta kienet sejra tħallas dak mitlub fir-rikors maħluf u għal dan l-iskop kiteb lill-istess soċjetà sabiex tikkonferma dan.
Rat l-*affidavit* ta’ Carmel Debono esebit mis-soċjetà attriċi *a fol.* 77.
Rat in-nota tas-soċjetà attriċi *a fol.* 84 li biha għarrfet lill-qorti li waqt is-smigħ tal-kawża s-soċjetà konvenuta ħallset lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ tnejn u erbgħin elf, erba’ mija sitta u tmenin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€42,486.32) ekwivalenti għal tmintax-il elf, mitejn disgħa u tletin lira u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm18,239.37) u għalhekk is-soċjetà attriċi naqqset it-talba tagħha għal sbatax-il elf u dsatax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€17,019.97) ekwivalenti għal sebat elef, tliet mija u sitt liri

u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm7,306.67) b'interessi skond il-liġi. Ma saret ebda prova ta' xi ħlas ieħor.
Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif imnaqqsa u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sbatax-il elf u dsatax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€17,019.97) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali sa meta jsir il-ħlas.
Tikkundanna ukoll lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------